**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2016 – Mega Brands vs EUIPO – Diset (MAGNEXT)**

**(Kawża T-292/12 RENV)** ([1])

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea MAGNEXT — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti MAGNET 4 — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2016/C 251/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mega Brands International, Luxembourg, Zweigniederlassung Zug (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Nordemann u M. Maier, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: inizjalment V. Melgar, sussegwentment H. O'Neill, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Diset, SA (Barcelona, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' April 2012 (Każ R 1722/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Diset u Mega Brands International, Luxembourg, Zweigniederlassung Zug.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-24 ta' April 2012 (Każ 1722/2011-4) hija annullata.*

2) *L-EUIPO għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Mega Brands International, Luxembourg, Zweigniederlassung Zug.*

([1]) ĠU C 273, 8.9.2012

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Ġunju 2016 – Bank Mellat vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-160/13)** ([1])

***“Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran — Restrizzjon ijiet għat-trasferimenti ta' fondi li jinvolvu stabbilimenti finanzjarji Iranjani — Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali — Rikors għal annullament — Att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni — Inċidenza diretta — Interess ġuridiku — Ammissibbiltà — Proporzjonalità — Obbligu ta' motivazzjoni — Garanziji legali msemmija fl-Artikolu 215(3) TFUE — Ċertezza legali — Projbizzjoni tal-arbitrarjetà — Ksur tad-drittijiet fundamentali”***

(2016/C 251/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Bank Mellat (Tehran, l-Iran) (rappreżentanti: inizjalment minn S. Zaiwalla, P. Reddy, F. Zaiwalla, Z. Burbeza, A. Meskarian, solicitors, D. Wyatt, QC, R. Blakeley u G. Beck, barristers, sussegwentement minn S. Zaiwalla, P. Reddy, Z. Burbeza, A. Meskarian, D. Wyatt, R. Blakeley u G. Beck)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u I. Rodios, aġenti)

*Partijiet konvenuti insostenn tal-parti konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gauci u M. Konstantinidis, aġenti); u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq) (rappreżentanti: inizjalment minn S. Behzadi Spencer, L. Christie u C. Brodie, sussegwentement minn C. Brodie u V. Kaye, aġenti, assistiti minn S. Lee, barrister)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tal-Artikolu 1(15) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1263/2012 tal-21 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran Regolament (ĠU L 356, p. 34), jew l-annullament tal-imsemmija dispożizzjoni sa fejn ma tipprevedix eċċezzjoni li tapplika għal każ tar-rikorrent u talba għal dikjarazzjoni ta' inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 58).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Bank Mellat għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, l-ispejjeż tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 147, 25.5.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Mejju 2016 – Warimex vs EUIPO (STONE)**

**(Kawża T-454/14)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva STONE — Raġuni assoluta għal rifjut — Natura deskrittiva — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2016/C 251/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Warimex Waren-Import Export Handels-GmbH (Neuried, il-Ġermanja) (rappreżentanti: E. Keller u J. Voogd, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Schneider u D. Walicka, aġenti)

**Suġġett**

Rikors kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas- 27 ta' Marzu 2014 (Każ R 1599/2013-1), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv STONE bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.